

Brussell, 17 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12056/26

ENV 972
ENT 202
MI 799
DELECT 119

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 5031 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'14.7.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' derogi għall-possibbiltà ta' tneħħija u s-sostitwibbiltà tal-batteriji portabbli

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 5031 final.

Mehmuż: C(2026) 5031 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2026
C(2026) 5031 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.7.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' derogi għall-possibbiltà ta' tneħħija u s-sostitwibbiltà tal-batteriji portabbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-batteriji huma teknoloġija kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli, għall-mobbiltà ekoloġika, għall-enerġija nadifa u għan-newtralità klimatika. Il-batteriji portabbli jintużaw biex iħaddmu għadd dejjem akbar ta' prodotti, minn apparati li jntlibsu għal ġugarelli, tessuti jew apparati mediċi.

Ir-Regolament dwar il-Batteriji u l-Iskart ta' Batteriji (ir-Regolament) jintroduċi fl-Artikolu 11 tiegħu rekwiżiti ġenerali għall-possibbiltà li l-batteriji portabbli inkorporati fi prodotti li jitqiegħdu fis-suq jinqalgħu u jiġu sostitwiti. Bħala regola ġenerali, il-batteriji portabbli jeħtieġ li jkunu jistgħu jinqalgħu u jiġu sostitwiti mill-utenti finali fi kwalunkwe ħin matul il-ħajja tal-prodotti li jkunu inkorporati fihom. Din ir-regola hija maħsuba biex tipprevjeni l-obsoluxxenza prematura u żżid il-ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli fi tmiem il-ħajja

Madankollu, f'każijiet ġustifikati speċifiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament, il-batteriji portabbli jaf ikunu jistgħu jinqalgħu u jiġu sostitwiti minn professjonisti indipendenti, minflok mill-utenti finali. Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex iżżid aktar prodotti mal-lista ta' prodotti li għalihom il-batteriji jeħtieġ li jkunu jistgħu jinqalgħu u jiġu sostitwiti biss minn professjonisti indipendenti. Dan l-att delegat huwa l-ewwel att ta' dan it-tip li jirriżulta minn dik is-setgħa.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Peress li dan huwa att tekniku, ma kinux meħtieġa valutazzjoni tal-impatt jew konsultazzjoni pubblika miftuħa.

L-att delegat huwa bbażat fuq l-evidenza miġbura permezz ta' sejħa għall-applikazzjonijiet ippubblikata fuq is-sit web tal-Istħarriġ tal-UE, li kienet miftuħa għal 3 xhur bejn Frar u April 2025. L-iskop tas-sejħa kien li jiġu identifikati prodotti kandidati li għalihom jistgħu jiġu ġġustifikati derogi addizzjonali, skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni teknika tal-merti tal-applikazzjonijiet riċevuti.

Il-grupp ta' esperti dwar l-iskart, li jikkonsisti minn esperti maħtura minn kull Stat Membru u esperti magħżula oħra li jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet tan-negozju u s-soċjetà ċivili, ġie kkonsultat dwar l-abbozz tal-att delegat fil-11 ta' Diċembru 2025 u fil-5 ta' Frar 2026.

L-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat għall-feedback tal-pubbliku fuq il-Portal ta' Regolamentazzjoni Aħjar mit-28.04.2026 sas-26.05.2026. L-abbozz tal-att delegat ġie ppreżentat għall-feedback lill-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ mit-12.06.2026 sal-11.07.2026.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat huwa adottat skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex iżżid aktar prodotti li għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' tneħħija u sostitwibbiltà stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'14.7.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' derogi għall-possibbiltà ta' tneħħija u s-sostitwibbiltà tal-batteriji portabbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2023/1542 jistabbilixxi rekwiżiti ġeneriċi għall-possibbiltà ta' tneħħija u s-sostitwibbiltà, mill-utenti finali, tal-batteriji portabbli inkorporati fi prodotti li jitqiegħdu fis-suq, iżda jinkludi wkoll lista ta' derogi għal ċerti prodotti li għalihom il-batteriji portabbli jeħtieġ li jkunu jistgħu jinqalgħu u jiġu sostitwiti biss minn professjonisti indipendenti, minflok mill-utenti finali.
- (2) Huwa meħtieġ li jiġu inklużi ċerti apparati li jintlibsu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga diġà mogħtija lit-tagħmir li jintuża f'ambjent imxarrab biex tiġi pprovduta ċertezza legali. L-apparati li jintlibsu huma apparati elettroniċi portabbli li jintlibsu fuq il-ġisem u spiss ikollhom sensuri u konnettività biex jiġbru u jittrażmettu d-data. L-użu tagħhom żdied b'mod sinifikanti minn meta ġie adottat ir-Regolament (UE) 2023/1542. Eżempji ta' apparati li jintlibsu jinkludu l-arloġġi intelliġenti, apparati tat-traċċar tal-fitness, nuċċalijiet intelliġenti jew apparati elettroniċi oħra li jkunu integrati fil-ħwejjeġ u f'aċċessorji oħra. Il-linji gwida fl-Avviż tal-Kummissjoni C/2025/214 jipprovdu gwida dwar x'jikkostitwixxi tagħmir li jintuża f'ambjent imxarrab.
- (3) Il-minjaturizzazzjoni tal-apparati li jintlibsu u tal-batteriji portabbli li jħaddmuhom tista' tirriżulta f'sitwazzjonijiet fejn il-batterija tkun inkapsulata b'mod tant issikkat fir-reċipjent tagħha li t-tneħħija tagħha jaf toħloq riskju mhux negliġibbli ta' ħsara lill-batterija jew li l-batterija tinqaras. Meta n-natura tal-prodott ixxejjel id-disinn mill-ġdid tiegħu (kunsiderazzjonijiet anatomiċi jew ergonomiċi), huwa ġġustifikat li tali batteriji zġħar ikunu jistgħu jinqalgħu u jiġu sostitwiti biss minn professjonisti indipendenti.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2025/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi li, mill-1 ta' Awwissu 2030, il-ġugarelli elettriċi bil-batteriji li jikkostitwixxu partijiet zġħar għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jiżguraw li l-batterija ma tkunx tista' tiġi aċċessata mingħajr l-użu ta' għodda, u li meta d-daqs jew in-natura tal-ġugarell jirrikjedu dan, batterija rikarikabbli tista' minflok issir inaċċessibbli, u tkun tista' titneħħa jew tinbidel biss minn professjonisti indipendenti. Sa dik id-data, jixraq li jiġi żġurat li tingħata deroga temporanja f'konformità mal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2023/1542.

- (5) Fil-każ ta' sonni tat-termometru mingħajr fili ddisinjati speċifikament għall-kuntatt mal-ikel, jitqies li l-possibbiltà ta' tneħħija tal-batteriji portabbli mill-utenti finali tkun tippreżenta riskju konsiderevoli għas-sikurezza tal-utenti finali matul it-tħaddim normali f'każ li s-siġill tas-sonda ssirli ħsara u s-sustanzi kimiċi li jnixxu mill-batterija jikkontaminaw l-ikel.
- (6) Il-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/34/UE huma ddisinjati speċifikament biex joperaw f'ambjenti potenzjalment esplużivi. Il-possibbiltà ta' tneħħija mill-utenti finali ta' kwalunkwe batterija portabbli li tkun tinsab f'tali prodotti tista' tirriżulta fi ksur tar-rekwiżiti tas-sikurezza għall-utenti previsti f'dik id-Direttiva.
- (7) Is-sistemi ta' somministrazzjoni fuq il-ġisem jinkorporaw batteriji portabbli żgħar biex jagħtu l-medikazzjoni taħt il-ġilda. Il-possibbiltà ta' tneħħija ta' tali batteriji mill-utenti finali tista' tirriżulta fil-funzjonament mhux xieraq tal-apparat u f'għoti żbaljat ta' medikazzjoni, li jistgħu jkunu riskju għas-sikurezza tal-utent.
- (8) L-apparati telematiċi maħsuba għal installazzjoni mmuntata fuq is-saqaf f'makkinarju agrikolu u tal-konstruzzjoni u ddisinjati biex ikunu esposti għal vibrazzjonijiet ħorox, trab u kundizzjonijiet f'ambjent imxarrab matul l-użu normali tagħhom, normalment issirilhom manutenzjoni minn persunal iċċertifikat li jkollu aċċess għat-taħriġ u għall-għodod meħtieġa. Għaldaqstant, il-possibbiltà ta' tneħħija tal-batteriji portabbli inkorporati f'tali apparati mill-utenti finali tista' tirriżulta f'riskji għas-sikurezza tal-utenti finali.
- (9) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2023/1542 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2023/1542 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-prodotti li ġejjin li jinkorporaw batteriji portabbli jistgħu jiġu ddisinjati b'tali mod li l-batterija tkun tinqala' u tiġi sostitwita biss minn professjonisti indipendenti:

- (a) tagħmir, **inkluż apparati li jintlibsu**, iddisinjat speċifikament biex jopera primarjament f'ambjent li jkun regolarment soġġett għat-titjir tal-ilma, flussi tal-ilma jew immersjoni fl-ilma, u li huwa maħsub biex ikun jista' jinħasel jew jitlaħlaħ;
- (b) apparati professjonali tat-teħid tal-immaġnijiet mediċi u tar-radjoterapija, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2017/745, u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2017/746;
- (c) **apparati li jintlibsu li s-sikurezza, id-durabbiltà, jew ir-reżistenza għall-ilma tagħhom jistgħu jiġu compromessi mill-aċċess tal-utenti għall-batterija u li:**
 - (1) **minħabba n-natura, id-daqs jew il-forma tagħhom, jitqiesu żgħar wisq biex l-utent finali jkun jista' jimmaniġġa s-sostituzzjoni tal-batterija b'mod xieraq u sikur; jew**
 - (2) **jiddependu fuq involukru kumpatt u s-siġillat biex tinżamm l-integrità funzjonali, inkluż il-protezzjoni mit-trab, u x-xokkijiet;**
- (d) **sal-31 ta' Lulju 2030, ġugarelli elettriċi li jinkorporaw batteriji rikarikabbli, meta, minħabba n-natura jew id-daqs tal-ġugarell, id-deroga tkun meħtieġa**

biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ġugarell meta jintuża f'konformità mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹,

- (e) sondi tat-termometru mingħajr fili ddisinjati speċifikament għall-kuntatt mal-ikel matul il-proċessi tat-tħejjija tal-ikel;**
- (f) prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;**
- (g) sistemi ta' somministrazzjoni fuq il-ġisem iddisinjati speċifikament biex jagħtu l-prodotti mediċinali taħt il-ġilda;**
- (h) apparati telematiċi maħsuba għal installazzjoni mmuntata fuq is-saqaf f'makkinarju agrikolu u tal-kostruzzjoni u ddisinjati biex ikunu esposti għal vibrazzjonijiet ħorox, trab u kundizzjonijiet f'ambjent imxarrab matul l-użu maħsub tagħhom.**

Id-derogi stabbiliti fil-punti (a), (c), (d), (e), (f), (g) u (h) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu applikabbli biss meta tali deroga tkun meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-utent u tat-tagħmir.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.7.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

¹ Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/48/oj>).

² Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosfera potenzjalment esplożivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/34/oj>).